MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 730/2002

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Gibson Keith**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u erba u hamsin lira Maltija u disa u ghoxirn centezmu (Lm1654.29,0), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut lil Mobisle Communciations Limited in kwantu ghal servizzi rezi lill-konvenut mill-istess Mobilse Communications Limited fix-xhur bejn Mejju 2001 u Jannar 2002, u dana in segwitu ta', u skond Client Contrat Number 17694, liema kuntratt huwa iffirmat mill-konvenut stess.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tl-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru 2002, u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat mal-avviz u b-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-ewwel (1) ta' Novembru 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1654.29,0 bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru 2002 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tat-28 ta' Novembru 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------